- *prerogattiva tal-mahfra*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 21 ta' Ġunju 2022**

**Rikors Nru. 460/2021 GM**

**George Degiorgio**

**(detentur tal-karta tal-identita` bin-numru: 164963 (M))**

**u Alfred Degiorgio**

**(detentur tal-karta tal-identita` bin-numru: 541264 (M))**

**vs**

**(1) Il-President tar-Repubblika ta' Malta**

**(2) ll-Prim'Ministru Robert Abela proprio u bħala Kap tal-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern**

**(3) ll-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern;**

**(4) ll-Kummissarju tal-Pulizija;**

**(5) L-Avukat Ġenerali;**

**(6) L-Avukat tal-lstat;**

## (7) Ministru tal-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza.

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors maħluf tal-atturi George Degiorgio u Alfred Degiorgio li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. Huma akkużati b'diversi reati fosthom ir-reat ta' omiċidju volontarju ta' Daphne Caruana Galizia;

2. Huma għamlu talbiet lill-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex jingħataw Maħfra Presidenzjali;

3. L-esponenti George Degiorgio għamel tali talba b'ittra lill-President tar-Repubblika ta' Malta ta' nhar l-10 ta' Marzu, 2021 u l-esponenti Alfred Degiorgio għamel tali talba b'ittra lill-President tar-Repubblika ta' Malta ta' nhar il-22 ta' Marzu, 2021;

4. Huma wrew ruħhom aktar milli propensi illi jagħtu l-informazzjoni kollha illi għandhom in konnessjoni mal-akkużi illi ġew dedotti fil-konfront tagħhom u ma' delitti oħra ta' natura serja ħafna illi seħħew fil-passat. Huma spjegaw ukoll u jerġgħu itennu illi l-informazzjoni illi huma għandhom hija informazzjoni diretta u mhijiex *hearsay* jew *detto del detto*. Inoltre stqarrew ukoll illi tali informazzjoni għandha twassal għal mandant illi kien Ministru tal-Gvern u għal *middleman* fil-każ tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u illi fil-konfront ta' tali persuni la ittieħdu passi u lanqas ingħatat xi Maħfra Presidenzjali. L-esponenti għandhom ukoll informazzjoni diretta u mhux *hearsay* illi turi l-involviment ta' mandant illi kien Ministru tal-Gvern u ta' Ministru tal-Gvern preżenti f'każijiet oħra fejn ġew kommessi reati serji ħafna;

5. Huma baqgħu ma rċevew l-ebda komunikazzjoni wara t-talbiet magħmula minnhom iżda nhar id-19 ta' April, 2021 huma semgħu fil-mezzi tax-xandir illi l-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern iddeċieda li jagħti l-parir lill-President tar-Repubblika biex ma jilqax it-talba għall-Maħfra Presidenzjali illi għamlu huma. Il-mezzi tax-xandir irrapurtaw ukoll illi fi stqarrija l-Gvern qal illi din id-deċiżjoni ttieħdet b'konformita` mal-parir tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija u illi wkoll illi d-deċiżjoni tal-Kabinett mhix ibbażata biss fuq il-parir ta' l-istituzzjonijiet relevanti iżda hija wkoll fl-interess nazzjonali u l-ġustizzja. Il-mezzi tax-xandir irrapurtaw ulterjorment illi fl-imsemmija stqarrija jingħad ukoll li qabel il-laqgħa tal-Kabinett, il-Ministru Carmelo Abela ddikjara li ddeċieda li jirrikuża ruħu, fid-dawl tal-allegazzjonijiet imressqa dwaru mid-Deputat Nazzjonalista Jason Azzopardi u l-kawża ta' libell li hu fetaħ kontra l-imsemmi Jason Azzopardi. Inoltre ġie wkoll rappurtat illi l-Ministru Carmelo Abela spjega li ħa din id-deċiżjoni

"minkejja li m'hemm ebda raġuni statutorja" u illi jrid jevita li xi ħadd jogħġbu jixħet suspett ta' imparzjalita` jew dubju fil-ħidma tal-Kabinett;

6. L-esponenti jilmentaw illi huma saru jafu b'dan kollu mill-mezzi tax-xandir u magħhom ħadd ma kkomunika u ħadd ma bagħat għalihom sabiex jisma' x'informazzjoni għandhom qabel dan l-għemil tal-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern, tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija;

7. Għal kuntrarju biex ġiet rakkomandata l-għotja ta' Maħfra Presidenzjali lil Melvin Theuma u lil Vincent Muscat dawn ġew mismugħa u anke ġie redatt rapport dwar dak illi rriżulta dan kif jiġi ippruvat matul it-trattazzjoni;

8. Huma ppreżentaw protest ġudizzjarju kontra l-konvenuti nhar l-20 ta' April 2021 bin-numru: 154/2021 u wara rapporti li dehru fil-mezzi tax-xandir dwar tali protest, l-avukat tagħhom irċieva b' “email" żewġ ittri datati nhar l-20 ta' April, 2021 li bihom il-President tar-Repubblika ta' Malta infurmahom illi t-talba tagħhom għall-Maħfra Presidenzjali ġiet miċħuda;

9. L-għemil tal-Kabinett tal-Ministri fuq parir tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-istess parir huwa għemil amministrattiv null, invalidu u mingħajr effett billi huwa *ultra vires* għaliex il-konvenuti jew min minnhom naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil billi, fost raġunijiet oħra, huma la taw widen u lanqas semgħu lanqas b'mod informali dak illi għandhom xi jgħidu l-esponenti u b'hekk ċertament la setgħu jagħtu parir, la setgħu jagħtu rakkomandazzoni u lanqas jistgħu jieħdu deċiżjoni dwar it-talba għall-Maħfra Presidenzjali magħmula mill-esponenti u inoltre l-imsemmija awtoritajiet ma taw l-ebda raġuni illi għandha x'taqsam mal-mertu tat-talbiet għall-Maħfra Presidenzjali magħmula minnhom;

10. L-għemil tal-Kabinett tal-Ministri fuq parir tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-istess parir huwa għemil amministrattiv null, invalidu u mingħajr effett billi huwa *ultra vires* għaliex tali għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita` pubbblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

11. Konsegwentament anke ċ-ċaħda tat-talba tagħhom għall-Maħfra Presidenzjali hija għemil amministrattiv null, invalidu u mingħajr effett għall-istess raġunijiet.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-ghemil tal-Kabinett tal-Ministri fuq parir tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-istess parir u ċ-ċaħda tat-talba tagħhom għall-Maħfra Presidenzjali huma ghemil amministrattiv li huwa null, invalidu u mingħajr effett billi fl-ewwel lok, tali għemil amministrattiv huwa *ultra vires* in kwantu l-konvenuti, ilkoll flimkien jew min minnhom,

naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja nalurali fit-twettiq tal-imsemmija għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil għall-finijiet tal-artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u billi, fit-tieni lok, tali għemil amministrattiv huwa *ultra vires* in kwantu tali għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita` pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti għall-finijiet ta' l-artikolu 469A (1) (b) (iii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Prim Ministru Robert Abela f'ismu proprio u bħala Kap tal-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern, tal-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern, tal-Kummissarju tal-Pulizija, tal-Avukat Generali, tal-Avukat tal-Istat u tal-Ministru tal-Gustizzja, Ugwaljanza u Governanza li permezz tagħha eċċepew illi:

1. In linea preliminari jiġi eċċepit illi l-Onorevoli Prim Ministru Robert Abela f'ismu proprio u bħala Kap tal-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern, il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali, u l-Ministru tal-Gustizzja, Ugwaljanza u Governanza mhumiex il-legittimi kontraditturi għat-talbiet tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Illi semmai huwa l-Avukat tal-Istat illi għandu rappreżentanza ġudizzjarja ai termini tal-artikolu 181B (2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bl-intiża ċara pero` illi l-Avukat tal-Istat ma kienx involut fir-rigward tar-rakkomandazzioni għall-maħfra presidenzjali msemmija fir-rikors ġuramentat in risposta;

2. In linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost in kwantu li mit-talbiet ir-rikors promotur huwa msejjes fuq talba għal stħarriġ ġudizzjarju ai termini tal-art. 469 A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malti, l-esponenti formalment jeċċepixxu l-inapplikabilita' tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju għall-għoti o meno ta' maħfra presidenzjali li ssir ai termini tal-artikolu 93 tal-Kostittuzzjoni u dan peress li skont l-artikolu 85(2) tal-istess Kostituzzjoni kwistjonijiet dwar l-għoti ta' pariri jew aġir skont tali pariri da parti tal-President ta' Malta ma jistgħux jiġu eżaminati minn ebda Qorti. Fuq kollox, il-prerogattiva tal-maħfra minnha nfisha hija insindakabbli;

3. In linea preliminari wkoll ebda proċedimenti ċivili ma jistgħu jittieħdu kontra l-President ta' Malta dwar dak li jkun għamel fil-qadi tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu u dan kif stipulat fl-artikolu 742A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentament l-azzjoni odjerna qatt ma setgħet titressaq, u kwindi l-esponenti jeċċepixxu l-improponibbilita` tal-azzjoni odjerna;

4. In linea preliminari wkoll l-esponenti jeċċepixxu illi l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijet ta' Malta)

mhux applikabbli stante li l-għoti tal-maħfra Presidenzjali hija prerogattiva tal-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta u ma tinkwadrax fit-tifsir ta' għemil amministrattiv" li nsibu fis-subinċiż 2 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Lanqas ma jinkwadraw taħt dina t-tifsira deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kabinett jew xi pariri li jintalbu mill-Kabinett;

5. In linea preliminari l-esponenti jeċċepixxu illi fejn l-attur indika fil-lista ta' xhieda "Xhieda oħra minn issa riżervati" dan mhux permissibli stante illi l-artikolu 156 (4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi "*l-attur għandu wkoll jagħti mad-dikjarazzjoni* ***l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib****, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x' fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xhieda tagħhom."*

6. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

7. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad li l-esponenti dejjem aġixxew korrettement skont il-Liġi u fil-parametri imposti kemm mil-Liġi ordinarja kif ukoll mill-Kostituzzjoni.

8. Subordinatament, il-prerogattiva tal-maħfra hija fdata f' idejn il-President ta' Malta skont l-artikolu 93 tal-Kostituzzjonali tipprovdi dawk l-istanzi fejn huwa permissibbli li tali maħfra tingħata. Illi fost dawn l-istanzi nsibu fil-paragrafu (a) tas-subinċiż (1) tal-istess artikolu li maħfra tista' tingħata lil xi persuna li jkollha x'taqsam f'reat liema maħfra tista' tiġi suġġetta għal kundizzjonijiet skont il-liġi. Ċertament li dan l-artikolu ma jagħti ebda dritt lill-ebda persuna li tkun involuta f'kummissjoni ta' reat li tingħata maħfra presidenzjali. Dak li jipprovdi dan l-artikolu kostituzzjonali huwa possibilita` li persuna tagħmel talba iżda l-fatt li ssir tali talba ma jistax jissarraf fi dritt kweżit jew xi aspettativa leġittima li dik il-persuna tingħata maħfra akkost ta' kollox anke kontra l-aħjar interessi tal-ġustizzja;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-President ta' Malta, Dr George Vella, li permezz tagħha eċċepexxa illi:

1. Preliminarjament din l-azzjoni ma tistax tinġieb kontra l-E.T. il-President ta' Malta peress illi ai termini tal-Artikolu 742A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ebda proċedimenti ċivili ma jistgħu jittieħdu kontra l-E.T. il-President ta' Malta dwar dak li jkun għamel fil-qadi tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu. Għaldaqstant, filwaqt illi din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni fuq dan il-mertu fil-konfront tal-E.T. il-President ta' Malta, l-istess E.T. il-President ta' Malta għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-E.T. il-President ta' Malta ma huwiex il-leġittimu kontradittur stante illi, ai termini tal-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kwalukwe ċaħda ta' Maħfra Presidenzjali hija intrinsikament riżultanti mill-parir tal-Kabinett. Għalhekk, huwa manifestament ovvju u inkontestabbli, illi 1-għemil amministrattiv li

fuqu hija bbażata l-lanjanza tal-atturi ma huwiex għemil amministrattiv tal-E.T. il-President ta' Malta. Għaldaqstant, l-E.T. il-President ta' Malta għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

3. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern. Għaldaqstant, huwa manifestament ċar illi għandu jkun l-Avukat ta' l-Istat li jirrappreżenta l-Gvern ta' Malta u li għandu jirrispondi għal kawża odjern, u mhux l-E.T. il-President ta' Malta. Għaldaqstant, l-E.T. il-President ta' Malta għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni attriċi hija improponobbli peress illi l-atturi ma għandhom ebda dritt kweżit u wisq anqas aspettitiva leġittima ta' kwalsiasi xorta li jingħatalhom xi aditu jew xi Maħfra Presidenzjali;

5. Sussidjarjarnent u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-E.T. il-President ta' Malta dejjem aderixxa skrupolożament u b'mod ineċċepibbli, mal-obbliġi u mad-dmirijiet tiegħu, hekk kif dawn huma sanċiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Fil-każ odjern l-E,.T. il-President ta' Malta, bħal dejjem straħ esklussivament fuq il-parir tal-Kabinett meta ġie biex jeżerċita, *o meno*, il-prerogattiva tal-Maħfra Presidenzjali, u dan għamlu ai termini tal-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din il-kawża, l-atturi qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara nulli ċ-ċaħda ta' talba li għamlu għal Maħfra Presidenzjali mill-Kabinett fuq parir tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija, u l-istess pariri, billi saru bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, għal għanijiet mhux xierqa, u msejsin fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tinnota li għalkemm il-President tar-Repubbblika ta' Malta u l-Ministru tal-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza huma mniżżlin bħala konvenuti, it-talba unika li tinstab fir-Rikors Ġuramentat mhix indirizzata fil-konfront tiegħom. Għalhekk m'għandhom xejn għal xiex iwieġbu u sejrin jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ikkunsidrat:

"Għemil amministrattiv" ifisser, skont il-liġi nnifisha (**Art. 469A(2))** "il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew **ir-rifjut għal talba ta' xi persuna** li jsir minn awtorita` pubblika". Minkejja din it-tifsira ferm estensiva; forsi estensiva żżejjed; l-għoti ta' parir żgur li ma jaqax fil-parametri tagħha. Parir mhuwiex att deċiżjonali. Għalhekk it-talba, safejn diretta kontra l-Avukat Generali, l-Avukat tal-Istat, u l-Kummissarju tal-Pulizija minħabba l-parir jew pariri li allegatament taw, hija mingħajr bażi u sejra tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

Il-Prim Ministru "proprio" u ċjoe` fil-veste personali tiegħu m'għandu x'jaqsam xejn mat-talba f'din il-kawża u għalhekk huwa wkoll sejjer jiġi, bħala tali, liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

"L-Avukat tal-Istat jirrapreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew iktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern" (**Art.181B Kap 12**). Għalhekk, *trattandosi* ta' allegat aġir tal-Prim Ministru bħala Kap tal-Kabinett tal-Ministru tal-Gvern, u mill-istess Kabinett, dawn mhumiex il-leġittimi kontraditturi.

Ikkunsidrat:

Il-President tar-Repubblika, fl-eżerċizzju tal-Prerogattiva tal-Maħfra **(Art.93(1) tal-Kostituzzjoni)**, jaġixxi fuq il-parir tal-Kabinett jew ta' Ministru li jaġixxi skont l-awtorita` ġenerali tal-Kabinett **(b'interpretazzjoni tal-Art. 85 tal-Kostituzzjoni)**. Għalhekk, il-Kabinett ma jagħmel l-ebda deċiżjoni, imma jagħti biss rakkomandazzjoni. Rakkomandazzjoni, bħal parir, mhijiex għemil amministrattiv, għaliex mhix deċiżjoni – ara **Joseph Galea v Kmandant tat-Task Force et.** Qorti tal-Appell (J Said Pullicino, Carmel Agius, V Arrigo) 05.10.1998 Kollez. LXXXII.ii.541). Huwa minnu li, fil-każ tal-President, fil-każ *de quo* huwa marbut li jaġixxi skont il-parir tal-Kabinett. B'danakollu, formalment id-deċiżjoni jeħodha hu, u mhux il-Kabinett. Id-deċiżjoni tiegħu hija eżenti mill-istħarriġ ġudizzjarju: "Ebda proċedimenti ċivili ma jistgħu jittieħdu kontra l-President ta' Malta dwar dak li jkun għamel fil-qadi tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu" (**Art. 742A tal-Kap 12)**. Mhux biss imma. Il-leġislatur imur oltre. Jissokta jingħand fil-Kostituzzjoni nnifisha li f'każijiet bħal dawn, "il-kwistjoni jekk ikunx f'xi każ irċieva, jew ikunx aġixxa skont, dak il-parir m'għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti" **(Art. 85(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta)**. Mhux biss id-deċiżjoni tal-President hija

insindakabbli, imma lanqas ma jista' jsir stħarriġ dwar il-parir li seta' jkun ingħata lill-President fir-rigward tal-istess deċiżjoni.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) Tillibera lill-konvenuti kollha minbarra l-Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju.

(2) Tiċħad it-talba tal-atturi fil-konfront tal-Avukat tal-Istat.

Spejjeż a kariku tal-atturi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA